# THE GOZO VOCATIONAL FUND









## Assistenza Finanzjarja Biex ngħinu l-Karriera Tiegħek

Inizjattiva tar-Rotary Club ta' Għawdex,
bis-sapport sħiħ tal-Ministeru għal

# X'INHI DIN L-INIZJATTIVA?

L-għan ta' dan il-Fond hu li jgħin lil żgħażagħ Għawdxin jimxu 'l quddiem fil-karriera tagħhom fil-gżira, billi jipprovdi xi għajnuna finanzjarja li ma jistax ikollhom millfamilja, il-gvern jew sorsi oħra.

# FIEX JINTEFQU L-FLUS?

Il-Fond jipprovdi flus biex jgħin fl-iżvilupp ta' ħiliet kummerċjali, artiġjani jew ta' xi sengħa, u biex jinkuraġġixxi l-iżvilupp maniġerjali jew intraprenditorjali, jew biex jissapportja karriera artistika.

Eżempji ta' inizjattivi li jistgħu jiġu ffinanzjati jinkludu…

- Korsijiet qosra ta' studju
- Tagħlim b'akkumpanjament personali
- Għodda, kotba jew materjal simili
- Esperjenzi ta' xogħol

# X'GĦANDI NIFHEM QABEL NAPPLIKA?

Trid tkun ċittadin Malti u tgħix f'Għawdex. Mhemm l-ebda rekwiżiti speċifiċi għal kwalifiki akkademiċi formali, imma idealment trid tkun qed tistudja għal xi kwalifika jew diġà għandek impjieg marbut ma' dak li għalih qed titlob il-flus.

Trid tkun kapaċi turi li impenjat ġenwinament għal xogħol jew karriera partikulari u diġà għamilt passi biex tilħaq l-għan tiegħek.

Ifhem li l-Fond mhux għal sapport fit-tul, imma qed nitkellmu dwar bżonn speċifiku u fuq medda pjuttost qasira ta' żmien. Dan ifisser li ma nistgħux nagħtu disponibbiltà ta' ammonti kbar ta' flus lil individwu wieħed: qed nitkellmu fuq mijiet, mhux eluf ta' ewro. Importanti wkoll li tkun taf li kull ħlas isir direttament lit-terzi persuni li jkunu jipprovdu servizz jew oġġetti li fuqhom ikun intlaħaq ftehim ta' finanzjament. Ma jsirx lilek bħala individwu.

# KIF NAPPLIKA?

Hemm żewġ modi kif tibda l-proċess:

1. **Imla int l-applikazzjoni u ibgħatha;**
2. **JEW, sib xi ħadd li jissapportjak u jgħinek tidħol f'kuntatt.**

# GĦAŻLA 1: Formola tal-Applikazzjoni

Jekk tħossok komdu timla int l-applikazzjoni bl-Ingliż:

1. Żur is-sit elettroniku tar-Rotary Club ta' Għawdex (www.rotarygozo.org), segwi l-istruzzjonijiet, niżżel u imla l-formola tal-applikazzjoni.
2. Ibgħat din il-formola lill-President tar-Rotary Club ta' Għawdex (sib iddettalji isfel). Wara li niflu l-applikazzjoni tiegħek, nistgħu nitolbuk tgħaddilna iżjed informazzjoni u/jew nistednuk għal intervista qabel nieħdu deċiżjoni.

# GĦAŻLA 2: Sib xi ħadd li jissapportjak

Inkella, tkellem ma' persuna rispettabbli fil-lokalità tiegħek, bħalma hu l-kappillan, xi kunsillier lokali, avukat jew pulizija, xi ħadd li jafek u jkun lest jissapportjak biex tagħmel kuntatt mal-Fond. Żgura ruħek li jaraw kopja ta' dan il-fuljett biex ikunu jafu dwar xiex inhu l-Fond, u x'jidħol jew ma jidħolx taħtu.

1. Itlob lil min qed jissapportjak biex jikkuntattja lill-President tar-Rotary (blIngliż, għall-bidu).
2. Jekk dak li tixtieq tagħmel jaqbel mal-għanijiet tal-Fond, nagħmlu arranġamenti għall-ewwel laqgħa bejnek, min qed jissapportjak u rappreżentant tar-Rotary. (Normalment il-persuna mir-Rotary tkun titkellem bil-Malti, imma ma nistgħux dejjem niggarantixxu dan).
3. L-għan tal-laqgħa jkun li nsiru nafu iżjed lilek u niddeċiedu li timtela applikazzjoni formali.

# LIL MIN NIKKUNTATTJA?

Johanna Marks hu l-President tar-Rotary Club ta' Għawdex għas-sena 2021-2022. Lindirizz elettroniku tiegħu hu president@rotarygozo.org u l-posta elettronika hi lmetodu preferit ta' komunikazzjoni, partikularment jekk l-ewwel darba jikkuntattjah f'ismek xi ħadd li qed jissapportjak.

L-indirizz postali ta' Johanna hu:

**The President, Rotary Club of Gozo**
**"Victoria"**
**Triq Frangisk u Roza Camilleri**
**Kercem**
**Gozo**
**KCM1126**

Rotary of Gozo